**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 17 ta' Frar, 2016**

**Rikors Nru: 1139/2014 AF**

**Denisons Properties Limited (C-32653)**

**vs**

**Alfred Borg, Gordon Borg u A.C.B. International Company Limited (C-2584)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Alfred Borg, Gordon Borg u A.C.B. International Company Limited, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi, intalbet din il-Qorti biex:

Tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet premessi bl-ispejjez kontra s-socjetà sekwestranta.

Tordna lis-socjetà sekwestranta thallas l-penali fis-somma li hekk tigi likwidata a favur ir-rikorrenti ai termini tal-artikolu 836(8)(a) tal-Kap. 12.

Alternattivament, tordna lis-sekwestrant sabiex jaghti, fi zmien terminu li joghgobha tistabilixxi ghal dan il-ghan, garanzija fl-

ammont li jidhrilha xieraq ghall-hlas ta’ penali li tista’ tigi mposta u ta’ danni u imghax.

Fin-nuqqas ta’ garanzija, tordna r-revoka tal-att kawtelatorju a tenur tal-artikolu 838A tal-Kap. 12 u tohrog il-kontromandat relattiv.

Rat ir-risposta ta’ Denisons Properties Limited.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma mill-Qorti diversament presjeduta li permezz tieghu l-atti tar-rikors odjern gew mghoddija lil din il-Qorti kif presjeduta li qed tisma’ l-kawza *de quo* fil-mertu.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li thalla ghal digriet in camera, bil-fakultà moghtija lill-partijiet li jipprezentaw nota ta’ referenza. Il-Qorti tinnota li hadd mill-partijiet ma pprezenta ebda nota f’dan is-sens.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-procedura r-rikorrenti qed jitolbu, l-Qorti thassar mandat ta’ sekwestru kawtelatorju mahrug fil-konfront taghhom minn Denisons Properties Limited bil-ghan li tigi kawtelata pretensjoni tal-istess Denisons Limited, liema pretensjoni giet dedotta permezz ta’ kawza fejn qed jintalab il-Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom wettqu frodi a detriment tas-socjetà rikorrenti.

2. Tiddikjara li l-konvenju tal-31 ta’ Lulju 2013 in atti Nutar Ann Fenech Adami iffirmat bejn is-socjetà rikorrenti u s-socjetà intimate ma jiswiex fil-ligi.

3. Tiddikjara li s-socjetà rikorrenti soffriet danni kawza tal-agir tal-intimati.

4. Tillikwida okkorendo permezz ta’ periti nominandi l-frodi u d-danni sofferti mis-socjetà rikorrenti.

5. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u bl-imghax dekoribbli skond il-ligi kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Il-Qorti tibda biex tenfasizza li f'dan l-istadju tal-proceduri, hija ma tista' bl-ebda mod tippronunzja ruhha fuq il-mertu tal-pretensjoni ghajr ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn. Kull indagni oltre dik "prima facie" tibqa' essenzjalment rizervata ghall-kawza fil-mertu.

Il-Qorti tenfasizza inoltre illi ma tistax kapriccozament ixxejjen id-dritt ta' kreditur li jikkawtela l-pretensjoni tieghu b'kull mezz li taghtih il-ligi. Wara kollox, huwa ben risaput illi kull mandat jintalab u jinhareg bir-responsabbilità ta min jitolbu.

Dan premess, jirrizulta li Denisons Properties Limited qeghda tixli lit-tlett rikorrenti odjerni li, bi frodi, ikkawzaw danni lilha. Din ix-xilja m'hijiex qeghda tigi diretta biss lejn is-socjetà A.C.B. International izda hija ndirizzata wkoll lejn Alfred Borg u Gordon Borg, azzjonisti tal-istess A.C.B. Ghaldaqstant din il-Qorti ma tistax tqis li ma hemm, dejjem f'dan l-istadju, ebda pretensjoni kontra Alfred Borg u Gordon Borg personalment.

Ir-rikorrenti jsostnu wkoll illi l-pretensjoni ta' Denisons hija adegwatament kawtelata mod iehor. Mill-atti tar-rikors odjern, madankollu, jirrizulta illi in segwitu tal-mandat ta' sekwestru, giet depozitata fil-Qorti s-somma ta' €1007.22, ferm 'il boghod mill-ammont li gie dedott minn Denisons ghall-fini tal-mandat.

Fic-cirkostanzi, in vista tal-premess, din il-Qorti tqis li t-talba tat-tlett rikorrenti m'hijiex gustifikata taht ebda wiehed mill-Kapi tal-Art. 836 tal-Kap. 12. Il-Qorti tinnota li, fir-rikors taghhom ir-rikorrenti ma pprecizawx fuq liema artikolu tal-ligi qed jabbazaw it-talba taghhom.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' Alfred Borg, Gordon Borg u A.C.B. International Limited kif kawtelata fir-rikors taghhom.

L-ispejjez jithallsu minn Alfred Borg, Gordon Borg u A.C.B. International Limited.

IMHALLEF